DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 17/2009

tal-5 ta' Frar 2009

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 ([1]).

(2) Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali fir-rigward tal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva 2004/35/KE għandha tinqara fl-ambitu tal-Ftehim billi jkun ikkunsidrat b'mod partikulari il-fatt li l-konservazzjoni tan-natura taqa' barra mill-ambitu tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiżdied wara l-punt 1h (ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX għall-Ftehim:

"1i. **32004 L 0035**: Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) Bla ħsara għall-iżviluppi futuri mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandu jiġi nnutat li l-atti li ġejjin tal-Komunità mhumiex inkorporati fil-Ftehim taż-ŻEE:

(i) Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (Id-Direttiva dwar l-Għasafar),

(ii) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ambjenti naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (Id-Direttiva dwar l-Habitat),

Għaldaqstant kull referenza għal dawn l-atti m'għandhiex tapplika għall-istati EFTA.

([1]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 114.
([2]) ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56.

(b) L-Artikolu 2(3) m'għandux japplika fl-istati EFTA.

(ċ) Rigward l-istati EFTA, 'speċi protetti u ambjenti naturali' għandha tfisser:

Fejn stat EFTA hekk jiddeċiedi, kull ambjent jew speċi jew tipi ta' ambjenti jew speċi li l-istat EFTA jinnominah għall-istess skop bħal dak stabbilit fiż-żewġ Direttivi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(3)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2004/35/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-6 ta' Frar 2009, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Frar 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.